# PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

**IMĦALLEF**

**ONOR. AUDREY DEMICOLI LL.D.**

Rikors Revoka Nru **232/2023 (AD)**

Fl-atti tal-kawża 642/2021 (AD) wara l-mandat ta' inibizzjoni numru 981/2021 (AD) fl-ismijiet:

**MARIA DOLORES FARRUGIA (KI 480458M)**
**u, għal kull interess illi jista' jkollha,**
**CHERYLIE GRECH (KI 400180M)**

**VS**

**SALVINA sive SYLVIA GRECH (KI 576062M)**
**EILEEN FARRUGIA (KI 520065M) U**
**MARIA SCIBERRAS (KI 78268M)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tal-intimati Salvina sive Sylvia Grech, Eileen Farrugia u Maria Sciberras tas-07 ta' Marzu, 2023 fejn intalbet ir-revoka tal-mandat ta' inibizzjoni bin-numru 981/2021AD fl-ismijiet Maria Dolores Farrugia (K.I. 480458M) u għal kull interess li jista' jkollha Cherylie Grech (K.I. 400180M) vs Salvina sive Sylvia Grech (K.I. 576062M), Eileen Farrugia (K.I. 520065M) u Maria Sciberras (K.I. 78268M) sabiex ikun jista' jsir il-bejgħ tal-appartament fit-tielet sular (second floor) formanti parti mill-blokk bl-isem 'Windsor Flats' fi Triq J. Quintinus, San Pawl il-Baħar, Malta.

Rat l-atti kollha ta' dan il-proċediment.

Rat ir-Risposta tar-rikorrenti Maria Dolores Farrugia tat-03 ta' April, 2023 fejn hija ddikjarat li m'għandhiex oġġezzjoni li l-appartament inkwistjoni jinbiegħ iżda sabiex jiġu salvagradjati d-drittijiet tagħha talbet li l-ewwel €85,000 mill-bejgħ tal-fond għandhom jiġu depożitati taħt l-awtorità tal-Qorti u jkunu sbankati biss b'ordni tal-Qorti.

Semgħet it-trattazzjoni tar-rikors waqt l-udjenza tal-lum.

Tilqa' t-talba kif dedotta fir-rikors tas-7 ta' Marzu, 2023 u tordna r-revoka tal-Mandat ta' Inibizzjoni numru 981/2021 AD fl-ismijiet Maria Dolores Farrugia (K.I. 480458M) u għal kull interess li jista' jkollha Cherylie Grech (K.I. 400180M) vs Salvina sive Sylvia Grech (K.I. 576062M), Eileen Farrugia (K.I. 520065M) u Maria Sciberras (K.I. 78268M) b'dan illi l-intimati Salvina Grech et għandhom jiddepożitaw is-somma ta' €85,000 mill-bejgħ tal-fond taħt l-awtorità tal-Qorti sabiex id-drittijiet tar-rikorrenti Maria Dolores Farrugia jiġu kawtelati.

L-ispejjeż qegħdin jiġu riservati għall-ġudizzju finali.

**DIGRIET KAMERALI MOGĦTI LLUM IT-TLIETA 4 TA' APRIL, 2023.**

Onor. Imħallef Dr Audrey Demicoli

Karen Bonello
Deputat Reġistratur